MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 348/2010

**Polidano Press Limited**

**Vs**

**The Golden Shepherd Group Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija u erbghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€4,440.53c), rapprezentanti hlas ghal servizzi li hija pprovdiet fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax mit-3 ta' Dicembru 2008 u bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali (Art 166A) tad-9 t'April 2010 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta The Golden Shepherd Group Limited eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok in kwantu ghall-fatturi kollha hlief il-fattura numru 81979, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi in kwantu ghall-fattura 81979, l-ammont mhux dovut peress illi x-xoghol li allegatament sar qatt ma gie kkonsenjat.

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati;

Ikkunsidrat:

Mill-provi migbura jirrizulta s-segwenti:

Fl-affidavit taghha, Vanessa Abela, direttur tas-socjeta’ attrici qalet li s-socjeta’ konvenuta kienet regolarment tordna stationery u tutilizza s-servizz ta’ printing ipprovduti mis-socjeta’ attrici. L-ordnijiet minghand is-socjeta’ konvenuta kienu jircevuhom tramite certa Maryanne Portelli. Fis-sena 2008, is-socjeta’ konvenuta kienet qed iddum iktar mis-soltu biex thallas, u ghalhekk meta ghamlu l-ahhar ordni, is-socjeta’ attrici avzat lis-socjeta’ konvenuta illi kienu se jlestulhom dak minnhom ordnat, izda qabel ma jigu ghalihom kellhom jaghmlu hlas sostanzjali akkont tal-ammont li kien pendenti. Skont din ix-xhud, is-socjeta’ konvenuta kienet qaltilhom li dan ma kienx problema, u ghalhekk is-socjeta’ attrici kienu ghamlu l-printing minnhom mitlub. Hekk kif kien lest, is-socjeta’ attrici cemplet lis-socjeta’ konvenuta sabiex jinfurmawha li setghet tigbor ix-xoghol, izda is-socjeta’ attrici baqghet la hallset u lanqas ma giet tigbor ix-xoghol. Is-socjeta’ attrici kienet tibghat reminders lis-socjeta’ konvenuta, imma din kienet dejjem twieghdhom li se thallas u titlobha aktar zmien biex thallas, pero qatt ma hallset.

Skont ix-xhud Vanessa Abela, pendenti dawn il-proceduri, Dottor Frank Portelli rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta

kien baghat email fejn infurma lis-socjeta' attrici li l-ammont dovut kien ta' tliet elef u disa' euro u ghoxrin centezmu (€3,009.20), u li jekk is-socjeta' attrici kienet taqbel fuq dan l-ammont kien ser isir hlas minnufih. Is-socjeta' attrici infurmatu li fir-records taghhom ma kienux inkludew l-ahhar ordni li kienu ghamlu, izda minflok hallset is-socjeta' konvenuta infurmathom li l-ammont dovut kien gie preskritt.

Dottor Frank Portelli, direttur u Chief Executive Officer tas-socjeta' konvenuta, qal in subizzjoni li bhala procedura, l-konsenja tal-ordni kienet dejjem issir mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u mhux bil-maqlub, u li l-ahhar ordni qatt ma giet konsenjata lis-socjeta' konvenuta. Huwa ammetta bil-gurament li l-ammont imnizzel fuq id-dokument VA19 – cioe dak ta' tliet elef u disa' euro u ghoxrin centezmu (€3,009.20) – kien dovut, izda l-ammont imnizzel fid-dokument VA15 – cioe l-ahhar ordni li kienet tammonta ghal elf mitejn u tlettax-il euro (€1,213.00) ma kienx dovut, ghax il-konsenja qatt ma saret, u hu ma kienx gie mgharraf b'xi arrangamenti partikolari minhabba l-ammont gia dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat, illi mix-xhieda inekwivoka ta' Dottor Portelli, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, kif korraborata anki mix-xhieda ta' Vanessa Abela, is-socjeta' konvenuta ammettiet li l-ammont ta' tliet elef u disa' euro u ghoxrin centezmu (€3009.20) huwa dovut, u ghalhekk irrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata fir-risposta taghha.

Rigward l-ahhar fattura, u cioe dik ta' elf erba' mija u wiehed u tletin euro u erba' u tletin centezmu (€1,431.34), din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Vanessa Abela hija wahda attendibbli u kredibbli fic-cirkostanzi, u li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li qabel mas-socjeta' konvenuta tigi konsenjata bl-ahhar ordni taghha, hija kellha l-ewwel taghmel pagament sostanzjali akkont tal-ammont pendenti. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu, Dottor Portelli qatt ma cahad li din l-ordni kienet saret, imma rrifjuta li jhallas peress li ma saritx il-konsenja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija u erbghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€4,440.53c), bl-imghax mit-3 ta' Dicembru 2008 u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (Artikolu 166A) tad-9 t'April 2010 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------